SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 07**

**IL-ĦAMIS 9 TA' AWWISSU 2012 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-4:30 PM.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| Dr JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCHUTI | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier R. Rossignaud kien skużaat peress li jinsab imsifer u P. Fenech kien skużat minħabba raġunjiet ta' mard.

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA.

Is-Sindku qal taba wkoll għall-bżonnijiet tal-Kunsillier P. Fenech minħabba li dan qed jistenna xi riżultati mportanti dwar saħħtu.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Numru 6 ġew approvati kif emmendati. Il-Kunsillier M. Abela ppropniet u l-Kunsillier M. Fava issekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Kunsillier Mary Anne Abela

1. Il-Kunsillier irrapurtat li l-emblema uffiċċjali tal-Kumitatt Amministrattiv tal-Madliena , ġiet ssottemetta lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Mill-Kunsillier Mario Fava

1. Il-Kunsillier nforma li hu għad qed jistenna data ta' meta se jiltaqa' ma' l-Authorized Officer is-Sur Borg Caruana sabiex jiġu diskussi problemi tat-traffiku fil-lokal. Is- Sindku ħa l-inkarigu li jiffissa din id-data fl-ewwel laqgħa mal-Kumitat Konġut tal-Wardens.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk kinietx waslet xi risposta mit-Transport Malta dwar l-un/loading bay fi Triq il-Qasam fil-viċinanza ta' St. Andrews Pharmacy. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li hu kellu kuntatti permess mal- Head of Traffic Management Unit il-Perit Audrey Testaferata de Noto. Hi nfurmat li l-Kunsill dalwaqt se jkollu risposta.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk waslietx xi risposta mill-Ministeru dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet tal-culverts fil-ħames toroq fil-lokalita'. Is- Segretarju Eżekuttiv li sa issa għad ma waslitx konferma.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill għandux xi nformazzjoni dwar meta se ssir sar l-espropratzzjoni fin-naħa ta' fuq ta' Triq ir-Ratal. Is- Segretarju Eżeluttiv nforma li hu diġa' kiteb lid-Dipartiment ikkonċernat. Huwa nforma wkoll li għandu nformazzjoni li għalissa mhux qed issiru esprotazzjonijiet. Il-Kunsillier staqsa il-possibilta' li jsir appuntament ma' l-Onor.Jason Azzopardi. Is-Sindku ħa l-inkarigu li jiffissa dan l-appuntament.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (ikompli)

Mill-Kunsillier Mario Fava - ikompli

5. Huwa staqsa jekk kienx sar ir-rapport ta' Resident Parking Scheme. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li hu rċieva l-programm (Linji ta' Gwida) mit-Transport Malta, u minnufih għaddihom lil Kunsillier A. Curmi. Il-Kunsillier Curmi informa li din il-materja se tiġi diskussa flimkien ma' l-iskema l-ġdida tat- Traffic Managment fil-laqgħa li ser ssir ma' l-uffiċċjal ta' Transport Malta s-Sur J. Brincat. Il-Kunsillier nforma wkoll li ma jaqbilx li għandha tiwessa l-bankina quddiem l-Corner Food Shop minħabba li din ħa toħloq konfużjoni fi Triq is-Sidra u anke tkun ta' problema għal coaches u vetturi oħra kbar. Hu rrakomanda li għandu jsir komunikat mal-Peirt tal-Kunsill sabiex iħejji rapport dwar il-viżibilita' ta' dawk is-sewwieqa li minn Triq is-Sidra joħorġu għal Triq il-Qasam.

Mill- Viċi- Sindku Dr.Justin Fenech.

1. Il-Viċi-Sindku staqsa jekk sarux ix-xogħlijiet tat-twissija ta-reinstatement li kellhom jsiru milL-Water Services Corporation minħabba materjal ħażin li dawn kienu użaw fil-House Connections. Is- Segretraju Eżekuttiv nforma li sar tisswijiet pero' għad fadal tlett biċċiet fi Triq F Ebejer, Triq it-Terz u Triq il-Keffa. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma hu li qed ikompli jagħmel pressjoni mal-persuna inkarigata sabiex dawn jitlestew mill-aktar fis possibli.

## III KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku ppreżenta r-rapport detteljat. Dan jinsab aness ma' dawn il-Minuti, Appendiċi A.

2. Huwa rraporta il-bżonn li jinqatgħu s-siġar slavaġġ u perikolużi għas-saħħa li hemm fi telgħa ta' Triq Josef Kalleya. Il-Kunsill qabel li t-tindif issir mill-Kuntrattur tal-Kunsill ELC Ltd u li x-xogħlijiet għandhom jibdew mill-akatr fis.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **NOEL MUSCAT** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |

## III KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (ikompli)

3. Is-Sindku rraporta li ta' spiss qed jkun hemm xi residenti minn Triq il-Qatta u Triq il-Ħemmel li qed joħorġu l-iskart domestiku tagħhom is-Sibt filgħaxija u anke fil-Ħdud. Dawn qed ippoġġuh ġo l-iskip u meta din timtela; dan l-iskart qed jitħalla fl-art biswit l-iskip, b'konsegwenza li l-iskart ikompli jakkumula sa Tnejn filgħodu sakemm jiġi miġbur. Naturalment, dan qed jagħti dehra ferm kerha lill-lokalita'. Il-Kunsill talab li għandha tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Qatta u anke lil dawk li joqgħdu fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Ħemmel sabiex jiġu skorraġati li jużaw din l-iskip fil-weekends.

4. **SWIEQI FEST**

Is- Sindku nforma li Jum is-Swieqi din is-sena se tiġi mifruxa fuq tlett ijiem; il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd u se tiġi organizzata fil-Ġnien.

Il-Ġimgħa 7 ta' Settembru 2012 se jsir kant minn kantanti magħrufa. Il-Kunċert ser jibda' fis-6:30pm u jispiċċa fil-11pm.

Is-Sibt 8 ta' Settembru 2012 se jsir BBQ minn għaqdiet volontarji. Din l-attivita' ser tibda' fis-6:30pm u tispiċċa fil-11pm. Ir-Road Race se ssir is-Sibt 8 ta' Settembru 2012 filgħodu. Is-Sindku nforma wkoll li għal din il-ġirja, diġa' għandu parteċipazzjoni tajba. Għal dawn l-attivitajiet se jintramaw xi stands li jbiegħu *soft drinks*, xi *snacks* u xi *sandwiche*s.

Il-Ħadd 9 ta' Settembru 2012, l-attivita' se tibda` mill-4:30pm b'quddiesa li tibda' fis-7pm. Wara li tispiċċa l-quddies ser jsir kant minn kantanti magħrufa Ir-Road Race se ssir is-Sibt 8 ta' Settembru 2012 filgħodu. Is-Sindku nforma wkoll li għal din il-ġirja, diġa' għandu parteċipazzjoni tajba.
Għal dawn l-attivitajiet se jintramaw xi stands li jbiegħu *soft drinks*, xi *snacks* u xi *sandwiche*s.

IL-Kunsill qabel li dwar din l-attivita' se ssir laqgħa Adhoc nhar l-Erbgħa 22 ta' Awwissu 2012 fl-4:30pm.
Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li l-Budget allokat għal din l-attivita' ma jistgħax Jaċċedi s-somma ta' €3500. Is- Sindku nforma li għal din l-attivita' diġa' jaf li Għandu xi sponsors.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV RAPPORT MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier Mary Anne Abela

1. Il-Kunsillier staqsiet dwar l-installazjoni ta' answering machine għll-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li se jitlob għall-kwotazzjonijiet.

2. Hi nfurmat li għandha talba għall-installar ta' dawl ġdid fi Triq il-Fortizza, Madliena. Din it-triq hija perikoluża ħafna għal dawk kollha li jiffrekwentawha. Il-Kunsill ġie nfurmat li dan ir-rikwest diġa' ġie diskuss u approvat fil-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena..Il-Kunsill approva dawn ix-xogħljiet u talab sabiex dawn issiru mill-aktar fis.
   Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkuntatja lill-Kuntrattur.

3. Hi staqsiet jekk ġietx irrapurtata l-persuna li qed titma' l-qtates fi Triq il-Wejba. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li diġa' kkomunika ma' l-ispettrur tad- Distrett.

4. Il-Kunsillier reġgħet irrapurtat il-periklu li qed jinħoloq minħabba l-ħajt tal-kamra tan-nar tal-Għargħur. Hija ppreżentant ritratti li juru biċ-ċar dan il-periklu. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li dwar din il-materja' diġa' għamel kuntatti mal-Kunsill Lokali tal-Għargħur Huwa ġie nfurmat illi l-Kunsill kien diġa' nfurmat b'dan il-periklu u nfurmaw lis-sidien tal-kamra.

4. Il-Kunsillier staqiset meta se jibdew ix-xogħlijiet tal-landscaping biswiet l-entratura tal-Forti Madliena. Is- Segretraju Eżekuttiv nforma li dawn ix-xogħlijiet għad ma bdewx minħabba li wieħed mit-tenderes kiteb ittra ta' protesta lill-Kunsill minħabba li hu dehrlu li l-offerta tiegħu kienet ferm aħjar minn dik li ntgħażlet. Il-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena kien iddeċieda dwar l-aktar offerta vantaġġjuża. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li qabel ma jibgħat l-ittra ta' aċċetazzjoni u l-*Order to start Work*s se jistenna sebgħa t'ijiem kif rikjest fl-Legal Notice li fihom għandha tiġi ppreżentata depożitu u ittra ta'protesta uffiċċjali minngħand l-avuat tat-tenderer.

Mill-Kunsillier Carmen Said

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk waslietx xi risposta mill-MEPA dwar il-permessi tal-proġetti li se jsiru fil-Ġnien u fit-Tennis Court tat-Triq il-Ħemmel. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li l-permessi għadhom ma ġewx ipproċessati mill-MEPA pero' hemm rekomandazzjoni ta' approvazzjoni.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT** — **Sindku**

## IV RAPPORT MILL-KUNSILLIERI – (ikompli)

Mill-Kunsillier Alfred Curmi

1. Il-Kunsillier ppreżenta rapport detteljat. Dan qiegħed anness ma' dawn il-Minuti, Appendiċi B.

2. Huwa staqsa jekk dawk il-Kunsillieri li ma jattendux għal laqgħat tal-Kunsill, humiex jinnotifkaw lill-Kunsill bil-miktub. Is- Segretraju Eżekuttiv wieġeb li dan qed issir u notfika tiġi mehmuza mal-Minuti.

Mill-Kunsillier Alex Chetchuti

1. Il-Kunsillier irraporta wires tal-GO mdendlin fil-baxx fi Triq il-Faxxina. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li ħa jieħu l-inkarigu li jirraporta lil GO.

2. Il-Kunsillier reġa' staqsa għall-kopja tal-mappa li tindika d-dawl tat-toroq fil-Madliena. Is- Segretraju Eżekuttiv nforma lill-Kunsillier sabiex jiġi l-Kunsill u jara l-mappa fuq il-kompjuter pero' is-sistema ma tippermettix li jista' issir xi printing.

Il-Kunsillieri M.Anne Abela u A. Curmi ġew skużati fis-19:30. Il-Kunsillier A. Curmi qal li huwa japprova l-iskeda tal-pagamenti wara li ġiet emmendata.

Mill-Kunsilier Mario Fava

1. Il-Kunsillier ppreżenta rapport detteljat li qiegħed jiġi aness ma' dawn il-Minuti – Appendiċi Ċ.

2. Huwa nforma dwar il-konferenza ta' l-ECAD li se ssir f' San Patriniano Rimini, Italja mit-3 sa 7 ta' Ottubru 2012. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jipparteċipa u għaldaqstant ir-rappreżentanza tal-Kunsill se tkun magħmula mill-Kunsillier M. Fava u s- Segretraju Eżekuttiv.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## IV RAPPORT MILL-KUNSILLIERI – (ikompli)

Mill- Viċi Sindku Dr. Justin Fenech

1. Il-Viċi Sindku ppreżenta rapport detteljat li qiegħed anness ma' dawn il-Minuti- Appendiċi D.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is- Segretarju Eżekuttiv ppreżenta korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ( Sur Natalino Callus) dwar is-sigra ta' Buganvillia fi Triq il-Mollettta. Jidher li l-complainat, is-Sur Raymond Zammit għamel l-ilmenti tiegħu mad-Dipartiment. Id- Dipartiment ried jkun jaf x'miżuri se jiettieħdu mill-Kunsill. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill iddeċieda li minħabba li l-Kunsillieri m\ humiex kollha preżenti, din il-materja' tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

2. Offerti – Is- Segrtarju Eżekuttiv nforma li waslu biex jitterminaw l-imsemmija oferti, *Qoutations*.

   Polza ta' l-Assigurazzjoni tal-Kunsill
   Tindif ta' Culverts fil-lokalita' kollha
   Dawl Dekorrativ għall-festi tal-Milied
   Il-Kunsill approva li dawn l-offerti jiġu ppublikati.

3. Is- Segretarju Eżekuttiv ppreżenta 2 kwotazzjonijiet tar-railings ta' Triq l-Għarbiel u Triq Josef Kalleja minngħand il-Koperativa Tabelli u Sinjali. Ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

## VI APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

Ġiet ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti nru 52 li ġiet iċċurkalta minn qabel. Din l-iskeda ġiet approvata.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30pm u sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**

**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**